Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 19 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14884/19
ADD 1
LIMITE
PV CONS 68
JAI 1301
COMIX 575

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)

2 u 3 ta' Diċembru 2019

## WERREJ

**Paġna**

### Attivitajiet mhux leġislattivi

AFFARIJIET INTERNI


3. Il-futur tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil ........ 3

4. Il-futur tas-Sigurtà Interna tal-UE ........ 3

5. Aġġornament mill-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG) dwar kooperazzjoni ulterjuri bejn l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu ........ 3

7. Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà ........ 3

8. Implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta ........ 3

9. Affarijiet oħra ........ 4


ĠUSTIZZJA


15. UPPE: L-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ........ 5

17. Ġustizzja Diġitali: evidenza elettronika ........ 6
    a) Negozjati għal ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar aċċess transkonfinali għal evidenza elettronika
    b) Negozjati dwar it-tieni Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest

18. Affarijiet oħra ........ 6


***

**IT-TNEJN 2 TA' DIĊEMBRU 2019**

AFFARIJIET INTERNI

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

**3. Il-futur tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil** 14364/19 + **COR 1**
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-futur tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil.

**4. Il-futur tas-Sigurtà Interna tal-UE** 14297/19 + **COR 1**
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill ikkonferma il-flussi ta' ħidma orizzontali li jinsabu fir-Rapport tal-Presidenza (14297/19) bil-ħsieb li jiġu ggwidati l-iżviluppi futuri fil-qasam tas-Sigurtà Interna.

**5. Aġġornament mill-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG) dwar kooperazzjoni ulterjuri bejn l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu**[1]
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tal-aġġornament mill-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG) dwar kooperazzjoni ulterjuri bejn l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

**7. Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà** 14189/19
*Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Presidenza* 14190/19
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta fil-laqgħa tal-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali (dok. 15020/19).

**8. Implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta** 14198/19
**a) Politika strateġika pluriennali għall-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri**
**b) Sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni**
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ikkonferma l-eżitu tad-diskussjoni tal-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali (dok. 15020/19).

[1] B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.

9. **Affarijiet oħra**

**a) Mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni**
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-aġġornament mill-Kummissjoni għall-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni

**b) Konferenza Ministerjali tal-Forum ta' Salzburg (Vjenna, 6-7 ta' Novembru 2019)** 14153/19
*Informazzjoni mill-Awstrija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka.

**c) Rapport tal-Presidenza dwar il-progress li sar fl-oqsma tal-Ġustizzja u s-Sigurtà** 14404/19
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Presidenza dwar il-progress li sar fl-oqsma tal-Ġustizzja u s-Sigurtà.

**d) Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Washington DC, 11 ta' Diċembru 2019)** 14165/19
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

**e) Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Skopje, 18-19 ta' Novembru 2019)** 14344/19
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

**f) Attivitajiet ta' Tiftix u Salvataġġ (SAR) fil-Mediterran**
*Informazzjoni mill-Italja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Taljana.

g) **Laqgħa tal-Ministri għall-Intern tal-Grupp ta' Visegrad, (Praga, 21 ta' Novembru 2019)**
*Informazzjoni mir-Repubblika Ċeka*

Ir-Repubblika Ċeka informat lill-Kunsill dwar laqgħa tal-Ministri għall-Intern tal-Grupp ta' Visegrad, flimkien mal-Awstrija, li saret fi Praga fil-21 ta' Novembru 2019. Il-Ministri ddiskutew prinċipalment kwistjonijiet tal-futur tas-sigurtà interna tal-UE, il-kooperazzjoni għas-sigurtà interna mar-Renju Unit wara Brexit u approċċ ġdid għall-migrazzjoni u l-asil.

h) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
*Preżentazzjoni mill-Kroazja*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni bil-fomm tal-programm tal-Presidenza Kroata li jmiss.

**IT-TLIETA 3 TA' DIĊEMBRU 2019**

ĠUSTIZZJA

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

**15. UPPE: L-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew** 14064/19
*Sitwazzjoni attwali*

Il-Kummissjoni informat lill-Ministri dwar il-livell ta' progress fl-istabbiliment tal-UPPE mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill ĠAI li saret f'Ottubru 'l hawn. Il-Presidenza rreferiet għat-tnedija tal-proċess tal-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej.

Il-Kap Prosekutur Ewropew, is-Sinjura Laura Codruta Kövesi, ippreżentat il-pjanijiet u l-viżjoni tagħha għall-UPPE. Filwaqt li qieset l-għadd ta' investigazzjonijiet u proċedimenti mistennija li jaqgħu fil-kompetenza tiegħu u l-iskadenza għall-operazzjonalizzazzjoni sħiħa ffissata għal tmiem l-2020, hija enfasizzat l-importanza li l-UPPE jingħata biżżejjed persunal u riżorsi sabiex l-Aġenzija tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod xieraq u effettiv.

Il-Kummissjoni enfasizzat ir-rieda tagħha li tipprovdi appoġġ sħiħ. Xi delegazzjonijiet ukoll appellaw biex jiġi rinfurzat il-baġit tal-UPPE.

**17. Ġustizzja Diġitali: evidenza elettronika**

**a) Negozjati għal ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar aċċess transkonfinali għal evidenza elettronika** 13713/19 **R-UE**

**b) Negozjati dwar it-tieni Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest** 14342/19 **R-UE**

*Sitwazzjoni attwali*

Il-Kummissjoni tat aġġornament dwar is-sitwazzjoni attwali ta' żewġ negozjati li għaddejjin fil-qasam tal-evidenza elettronika: fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa dwar it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità u mal-Istati Unit għal ftehim dwar l-aċċess transkonfinali għall-evidenza elettronika. Il-Ministri appellaw għall-adozzjoni malajr tar-regoli interni tal-UE dwar l-evidenza elettronika.

**18. Affarijiet oħra**

**a) Iż-żamma ta' data għall-iskop tal-ġlieda kontra l-kriminalità: Segwitu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju** 10083/19

*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-progress li sar s'issa mill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu dwar iż-Żamma ta' Data ta' Ġunju 2019 u stedinha tagħmel l-isforzi kollha meħtieġa biex tinstab soluzzjoni fil-livell tal-UE.

**b) Rapport tal-Presidenza dwar il-progress li sar fl-oqsma tal-Ġustizzja u s-Sigurtà** 14404/19

*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Presidenza dwar il-progress li sar fl-oqsma tal-Ġustizzja u s-Sigurtà.

**c) Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Washington DC, 11 ta' Diċembru 2019)** 14165/19

*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

| | | |
|---|---|---|
| **d)** | **Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Skopje, 18-19 ta' Novembru 2019)**<br>*Informazzjoni mill-Presidenza* | 14344/19 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

**e) Konferenza dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**
**10 snin (Brussell, 12 ta' Novembru 2019)**
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-Konferenza dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li saret fit-12 ta' Novembru fi Brussell.

**f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
*Preżentazzjoni mill-Kroazja*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni bil-fomm tal-programm tal-Presidenza Kroata li jmiss.